GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 9 ta' Ġunju 2021 **Ref:** DLAP 173/2021

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** Marvin Spiteri – Uffiċjal Edukattiv, Edukazzjoni Fiżika (Primarja)
Kevin Azzopardi – Uffiċjal Edukattiv, Edukazzjoni Fiżika

**Suġġett:** L-ewwel kompetizzjoni taż-żfin onlajn

---

Iċ-Ċentru MEDE għall-Edukazzjoni Fiżika u Sport se jkun qed jorganizza l-ewwel Kompetizzjoni onlajn bejn Ġunju/Lulju 2021, bil-finali tkun f'Settembru 2021.

Dan l-avveniment, li se jkun miftuħ għall-istudenti ta' bejn ħamsa u tlettax-il sena, se jinvolvi sottomissjoni ta' filmat qasir ta' ħin massimu ta' 120 sekonda. L-istudenti jistgħu jipparteċipaw kif ġej: ġenitur u iben/bint, pari, grupp ta' mhux aktar minn 4 jew żifna solo ta' kwalunkwè ġenre u jista' jkun meħud barra jew ġewwa.

Ir-reġistrazzjoni tista' titwettaq permezz tal-link
**https://forms.office.com/Pages/ResponsePage.aspx?id=O3ivQUNSKEy3pGcsC57e0lQi3XIPXgJIgDwnLtERXcNUMVdTN0c2VUNaNkQ3VzREM1o0QVpPWUFaWS4u**
Jekk jogħġbok innota li r-reġistrazzjoni tista' titwettaq mill-ewwel, u l-klip jista' jitbagħat aktar tard. Il-filmati jistgħu jiġu sottomessi permezz ta' Messenġer fuq il-paġna ta' Facebook ta' MEDE, 'Physical Education Malta and Gozo', sa **mhux aktar tard mill-Ġimgħa 25 ta' Ġunju 2021**. Il-filmati mbagħad jibdew jiġu mtellgħin regolarment minn Lulju.

Il-fażijiet tal-kwalifikazzjoni se jkunu kif ġej:
**Preliminari** – Voti tal-pubbliku
**Semi-finali** – Bord ta' Ġurija
**Finali** – Ġurija u Voti tal-pubbliku.
Il-fażi Finali se tkun strimjata diretta fuq il-paġna tagħna ta' Facebook.

Il-Kriterji Ġudizzjarji huma kif ġej:
- Moviment mal-mużika;
- Kwalità teknika (livell ta' ħila);
- Koreografija u
- Preżentazzjoni (kostum).

Il-parteċipanti kollha se jirċievu Ċertifikat ta' Parteċipazzjoni flimkien ma' premijiet skont l-istadji differenti tal-kompetizzjoni.

Kwalunkwè mistoqsijiet għandhom jintbagħtu fuq scdp@ilearn.edu.mt.

Grazzi tal-attenzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**